# SEMINAR GĦALL-INTRAPRIŻI LI JOPERAW FIS-SETTUR TAL-IPPROĊESSAR TA' PRODOTTI AGRIKOLI DWAR IL-MIŻURA 123: VALUR MIŻJUD FUQ PRODOTTI AGRIKOLI

Diskors tal-Ftuħ
Dott. Vanni Xuereb
Kap - MEUSAC

Hu pjaċir kbir għalija, li għat-tielet darba fi żmien ftit ġimgħat, nilqagħkom f'isem il-MEUSAC għal seminar informattiv dwar opportunitajiet ta' fondi mill-Unjoni Ewropea għas-settur agrikolu.

Meta twaqqaf mill-ġdid f'Lulju tas-sena l-oħra, il-MEUSAC ingħata tliet funzjonijiet ewlenin:

1. Li jmexxi proċess ta' konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili dwar liġijiet ġodda tal-UE;
2. Li jwassal tagħrif dwar il-politika tal-UE u dwar opportunitajiet ta' fondi mill-UE; u
3. Li jagħti għajnuna teknika lill-kunsilli lokali u lil organizzazzjonijiet mhux governattivi dwar l-applikazzjonijiet għall-fondi mill-UE.

Il-tliet funzjonijiet tal-MEUSAC huma kumplimentari għal xulxin. Wara s-suċċess tal-MEUSAC bħala struttura ta' konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili fi żmien in-negozjati għas-sħubija ta' Malta fl-UE, inħass il-bżonn li l-proċess ta' konsultazzjoni jibda jsir dwar proposti ta' liġijiet ġodda li toħroġ il-Kummissjoni Ewropea. Ma rridux nagħtu l-impressjoni li matul l-ewwel erba' snin ta' sħubija, ma saret ebda konsultazzjoni. Kull Ministeru u jew agenzija tal-gvern li hi b'xi mod responsabbli mit-tfassil tal-pożizzjoni li Malta tieħu fil-Kunsill tal-UE, għandu d-dmir li jikkonsulta b'mod dirett. L-ideja wara t-twaqqif mill-ġdid tal-MEUSAC kienet li dan il-proċess ikollu struttura stabbli.

Għalhekk, wara li twaqqaf il-Core Group, li jiġbur flimkien uffiċjali għolja tal-gvern, il-partiti politiċi, il-korpi kostitwiti ewlenin u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, issa bdew jiltaqgħu disa' kumitati settorjali li ħa jiddiskutu proposti ġodda tal-Kummissjoni skond is-settur li jkopri kumitat jew ieħor. Għandi pjaċir ngħid li l-ewwel laqgħa tal-Kumitat għall-Agrikoltura u s-Sajd se jiltaqa' fid-9 ta' April li ġej.

L-informazzjoni hi essenzjali biex inwasslu lil kull min hu interessat u lill-pubbliku in ġenerali, tagħrif b'mod li jinftehem dwar il-politika tal-UE. Kif nafu lkoll, il-Politika Agrikola Komuni għandha importanza kbira fi ħdan l-UE. Hu importanti li nibqgħu naġġornaw rwieħna dwar dak li qed jiġri fis-27 Pajjiż Membru tal-UE u mhux f'pajjiżna biss. Aħna parti minn suq wieħed ma 26 pajjiż ieħor.

Minbarra dan, kif qed nagħmlu llum, il-MEUSAC, ħafna drabi ma Ministeri, aġenziji jew entitajiet oħra, jorganizza laqgħat ta' informazzjoni dwar opportunitajiet ta' fondi mill-

UE. Hawn ikollkom mhux biss l-opportunità li tisimgħu dwar dawn l-opportunitajiet, iżda li titolbu kjarifiċi u aktar informazzjoni biex taraw kif tistgħu tibbenefikaw.

It-tielet funzjoni hi waħda li bdejna inwettqu minn Novembru li għadda - dik li noffru għajnuna teknika lil kunsilli lokali u lil organizzazzjonijiet mhux governittivi dwar applikazzjonijet għall-fondi tal-UE. S'issa, minħabba r-riżorsi li għandna, kelna nillimitaw rwieħna għall-kunsilli u għal NGOs u nista' ngħid li l-volum ta' xogħol hu kbir ħafna. Nittamaw li fil-ġimgħat li ġejjin inżidu mal-persuni li għandna jaħdmu f'din it-taqsima biex inkunu nistgħu nsaħħu l-operat tagħna.

Mniex ħa nidħol fid-dettall tas-suġġett tal-laqgħa tal-lum peress li warajja se tisimgħu bosta esperti li ser jitkellmu dwar Il-Pjan tal-Iżvilupp Rurali, l-Għajnuna taħt il-Miżura 123, Il-Proċess tal-Għażla u Għajnuna Biex Tiffinanzja l-Proġett Tiegħek.

Għalhekk, filwaqt li nirringrzzja lill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarjiet Rurali u lill-Bank of Valletta tal-kollaborazzjoni tagħhom fl-organizzazzjoni ta' din il-laqgħa, nawgura li din ukoll tkun laqgħa nformattiva tajba u li twassal biex tapprofittaw rwieħkom minn miżura oħra li qed tpoġġi għad-dispożizzjoni tagħkom, fondi tal-UE.